14 ta' Jannar, 1946.

Imħallfin:

Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D. *A/President.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

***Prof. Avv. Dr. Giulio Cortis ne. versus Spiżjar Goffredo Laferla et.***

**Atti Ġudizzjarji — Nullità — Rinunzja — Mandat — Deżerzjoni — Art. 1635 u 1643 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868 u art. 113 u 982 tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk att ġudizzjarju huwa null u min għandu interess jidher fil-kawża u jgħaddi għal atti oħra mingħajr ma jagħti l-eċċezzjoni tan-nullità tiegħu, b'hekk ma jkunx neċessarjament irrinunzja għal dik l-eċċezzjoni. Fil-każ preżenti ġie ritenut li dik l-eċċezzjoni ma ġietx rinunzjata.*

*Il-mandatarju ma għandux skond il-liġi l-fakoltà li jinnomina mandatarju ieħor minfloku; għalhekk att ġudizzjarju preżentat fl-isem ta' mandatarju ieħor huwa null, jekk l-ewwel mandatarju li ma għandux dik il-fakoltà bill-liġi, lanqas kellu dik il-fakoltà minn għand il-mandanti tiegħu. Fil-każ preżenti hekk ġara; il-mandatarju ma rriżultax li kellu dik il-fakoltà minn għand il-mandanti tiegħu, u għalhekk l-att ġudizzjarju preżentat fl-isem tiegħu mill-mandatarju tiegħu ġie dikjarat null.*

*Kawża li tiġi differita "sine die" biex il-parti tirregolarizza l-atti tmur deżerta jekk fi żmien xahar wara tliet xhur minn meta dik il-kawża tidher fil-lista tal-kawżi sospiżi, ma tagħmelx dak li hemm bżonn biex il-kawża tiġi fi stat li tista' titkompla jew biex ma tmurx deżerta. Fil-każ sar ir-rikors għar-riappuntament tal-kawża, imma dak ir-riappuntament sar fuq rikors preżentat minn mandatarju ta' mandatarju li ma kellux il-fakoltà li jinnomina mandatarju ieħor minfloku; u għalhekk dak ir-riappuntament kien null, u nulli kienu l-atti kollha susseġwenti għal dak ir-riappuntament, u l-kawża marret deżerta.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' l-attur preżentat fil-11 ta' Novembru 1945, u d-digriet relativ tal-21 ta' Novembru 1945;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-appellati, permezz tad-difensuri tagħhom, fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 1945, qabel ma ġie trattat il-meritu tar-rikors fuq imsemmi, eċċepew illi wara li kien differit "sine die" u ġie publikat fil-lista tal-kawżi sospiżi, skond l-art. 982 tal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili, ma ġiex riappuntat legalment peress illi l-persuna li għamlet ir-rikors għar-riappuntament tal-kawża, Ersilia Cortis, il-mara ta' l-attur, ma kenitx persuna leġittima biex tagħmel dak ir-rikors. Mill-banda l-oħra l-attur irrisponda għal din l-eċċezzjoni fis-sens illi huwa kien awtorizzat, sew skond il-liġi sew mill-mandanti tiegħu, biex fl-assenza tiegħu jikkostitwixxi u jinnomina mandatarju ieħor; liema eċċezzjoni u risposta ta' l-attur, barra mit-trattazzjoni orali, ġew anki mill-partijiet żvolti fin-noti "hinc inde" preżentati u mid-dokumenti preżentati mill-attur, li offra anki xhieda tiegħu fuq xi punti konnessi ma' dan l-inċident;

Tikkunsidra;

Illi l-kawża kienet quddiem din il-Qorti fit-22 ta' Mejju 1939, u ġiet differita għad-29 ta' l-istess xahar biex tiġi rikonsiderata l-pożizzjoni ta' l-attur in meritu għan-nota li huwa kien ippreżenta f'dik il-ġurnata; u fid-29 ta' Mejju 1939, il-kawża ġiet ulterjorment differita għas-16 ta' Ġunju 1939, għall-fini, skond il-verbal ta' dik il-ġurnata, li jiġi preżentat rikors da parti ta' l-attur għall-assunzjoni ta' l-atti da parti tiegħu. Fis-16 ta' Ġunju 1939 dehru l-partijiet, u l-kawża ġiet differita għat-2 ta' Ottubru 1939, "billi hemm probabilità ta' transazzjoni", kif jidher mill-verbal ta' dik il-ġurnata. Il-partijiet fit-2 ta' Ottubru 1939, ma kienux waslu għal dik it-transazzjoni; iżda jidher li kien għad hemm speranza għaliha, għaliex il-kawża ġiet differita "sine die" riappuntabili a domanda ta' waħda mill-partijiet, u fl-istess ħin l-appellati rtiraw l-oppożizzjoni għall-garanti prodott. Fil-15 ta' Mejju 1941, l-attur għamel rikors għar-riappuntament tal-kawża li ġiet appuntata għas-seduta tat-2 ta' Ġunju 1941, pe-

ress illi l-Qorti ġiet infurmata mid-Deputat Reġistratur taghha illi l-proċess relativ kien għadu ma nstabx minħabba d-distruzzjoni ta' l-Edifiċju tal-Qrati bil-bombi tal-għadu fil-lejl bejn id-29 u t-30 ta' April 1941; ġie profferit id-digriet relativ għar-rikostruzzjoni tal-proċess fit-18 ta' Ġunju 1941, u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-6 ta' Ottubru 1941;

Fis-seduta tal-10 ta' Novembru 1941, l-attur Dottor Cortis talab li in vista li jrid jikkomunika ma' waħda mill-mandatarji tiegħu li qiegħda l-Amerika, Rebecca Bosco, peress li meta bagħtilha l-prokura kienet *iżżewġet* u ma hemmx l-awtorizzazzjoni tar-raġel, talab illi l-kawża tkun differita "sine die" sakemm ikollu l-istruzzjonijiet meħtieġa biex *ikun* jista' jirregolarizza l-atti in konformità ma' l-ordni ta' dina l-*Qorti* tad-29 ta' Mejju 1939, u peress illi l-interessati l-oħra ma *opponewx* għal dak *id-differiment*, il-kawża baqgħet għal dak il-fini "sine die", riappuntabili anki b'talba verbali ta' waħda mill-partijiet. F'Settembru ta' l-1943, il-kawża ġiet publikata fil-lista tal-kawżi derelitti, u għalhekk sar rikors tad-9 ta' Settembru 1943, mingħand Ersilia Cortis mart Dottor *Cortis*, bħala mandatarja speċjali għal dak l-effett, u talbet illi dik il-kawża tiġi riappuntata, u effettivament il-kawża ġiet riappuntata għas-seduta tal-11 ta' Ottubru 1943. Ġew allura nominati diversi kuraturi ta' l-eredità ġjaċenti ta' Margherita Bosco mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, li però ma aċċettawx l-*inkariku*;

Fuq rikors tal-Farmaċista Laferla l-Qorti innominat kuraturi "ex officiò" lil Dr. E. Buhagiar u P.L. J. *Zammit* biex jirrappreżentaw lill-werrieta ta' Margherita Bosco in Borg, u dan b'digriet tal-31 ta' Marzu 1944, mentri peress li *fis-7 ta'* Marzu 1944, kienet *tat* digriet ieħor biex dawk il-werrieta jinnominaw mandatarju ieħor, fit-28 ta' Ġunju 1944, ipprofferiet digriet ieħor u ordnat lil dawk il-kuraturi biex jikkonformaw ruħhom mad-digriet tat-28 ta' Ġunju 1944, u jikkomunikaw mal-werrieta indikati f'dak id-digriet ta' qabel;

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni li għandha tiġi deċiża hija jekk ir-rikors

ta' Ersilia Cortis tal-9 ta' Settembru 1943, sarx nullament mingħand persuna illeġittima, u f'każ affermattiv jekk din il-kawża marretx deżerta. Għad-definizzjoni ta' din il-kwistjoni għandu jiġi eżaminat:—

1. **Jekk l-appellati jistgħux il-lum iġibu 'l quddiem din** *l-eċċezzjoni* **meta huma kienu** *għaddew għal atti oħra ulterjuri* **mingħajr ma allegawha;**

2. **Jekk Dottor Cortis kellux il-fakoltà meħtieġa** mill-liġi li jista' jinnomina mandatarju ieħor;

3. **Jekk skond id-digriet** *tal-10 ta'* **Novembru 1941**, li bih il-kawża marret "sine die", kienx hemm bżonn illi l-kawża tiġi riappuntata biex tkun evitata deżerzjoni;

Tikkunsidra;

Illi fuq l-ewwel kwistjoni; skond l-art. 115 tal-Liġi tal-*Proċedura Ċivili* "no person shall plead a nullity of form of *which he or his agents have been the cause*". *F'dan il-każ però* ma jistax jingħad illi l-appellati kienu l-kawża *tan-nullità* ta' forma, jekk kien hemm din *in-nullità*, in riferenza għar-rikors fuq imsemmi ta' Ersilia Cortis, għax dan ir-rikors ġie magħmul minn Ersilia Cortis fl-interess ta' l-appellanti. Veru huwa illi d-difensuri ta' l-appellati kienu dehru diversi drabi quddiem il-*Qorti* mingħajr ma ġiebu 'l quddiem dina l-eċċezzjoni, iżda peress li din hija eċċezzjoni perentorja, ma jistax jingħad illi b'daqshekk biss huma rrinunzjaw għaliha, għaliex jekk il-proċess kien deżert skond il-liġi, kwa*lunkwe prezenza* quddiem il-Qorti, ta' l-appellati jew tad-*difensuri* tagħhom, ma kienetx tista' *tagħmila mhux deżert*;

Veru wkoll illi l-appellat Farmaċista Laferla fid-9 ta' Mejju 1944, ippreżenta rikors "għar-riappuntament tal-kawża", iżda, kif issottometta d-difensur tiegħu fit-trattazzjoni ta' dan l-inċident, illi f'dak *ir-rikors* stess huwa kien espressament qal "salva kwalunkwe eċċezzjoni illi jista' jagħti skond il-liġi", preċiżament għaliex ried illi jkollu l-kontradittur leġittimu rappreżentat skond il-liġi biex jagħti din l-eċċezzjoni u tiġi definita skond il-liġi;

Għalhekk ma jidherx *illi* l-appellati rrinunzjaw jew li setgħu *jirrinunzjaw* għal dina l-*eċċezzjoni*;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tieni kwistjoni, jekk Dottor Cortis kellux il-fakoltà li jista' jinnomina mandatarju ieħor. Skond il-liġi u n-natura tal-mandat, li huwa strettament personali, ma jistax il-mandatarju, mingħajr ma jkollu għal dan il-fini espressa fakoltà mill-mandanti tiegħu, jinnomina persuna oħra biex tkun il-mandatarju tal-persuna assenti minflokn. Dan huwa intuwitiv, għaliex għalkemm il-mandatarju assenti jista' jkollu fiduċja illimitata fil-persuna tal-mandatarju tiegħu, jista' ma jkollux ebda fiduċja fil-persuna nominata mill-mandatarju;

L-attur issottometta li kellu dik il-fakoltà sew mill-art. 1635 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, sew anki mill-korrispondenza mal-mandanti tiegħu. L-artikolu fuq imsemmi jgħid illi "when a commission is given to a person to do something in the ordinary course of his profession or of his functions, without any express limitation of power, it is presumed that power has been granted to such person to do all that which he thinks to be necessary for the execution of his mandate and which, according to the nature of the profession or functions aforesaid may be done by him". Din id-dispożizzjoni, kif tajjeb issottomettew l-appellati, ma tistax tiġi estiża għall-każ ta' sostituzzjoni ta' mandatarju ieħor, għaliex diversament dak l-artikolu jiġi in konflitt ma' l-art. 1643 ta' l-istess liġi, li bih hemm id-divjet lill-mandatarju li jinnomina wieħed minflokn mingħajr awtorizzazzjoni tal-mandanti. Din id-dispożizzjoni, peress li hija sussegwenti għal dik fuq imsemmija 1635, kienet ċertament tagħmel eċċezzjoni għal dak l-artikolu kieku ried illi dik id-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu 1635 għandha tidderoga dik ta' l-art. 1643. Imbagħad hija ħaġa magħrufa illi dik id-dispożizzjoni ta' l-art. 1635 ma tapplikax għal każijiet bħal dan, iżda għall-każ ta' inkariku li jiġi mogħti lill-professjonisti u persuni simili, biex fl-inkariku tagħhom ma jsibux ruħhom inċeppati kull mument iżda jkollhom fakoltà ġenerali għall-eżekuzzjoni ta' l-inkariku lilhom mogħti;

Tikkunsidra;

Illi mill-korrispondenza eżibita jirriżulta li hemm l-ittra

ta'............. Minn din l-ittra ma jidherx li kien hemm aċċenn, anki remot, *illi Dottor Cortis* jista' jinnomina mandatarju ieħor minflokn, u lanqas allura, fid-29 ta' April 1939, ġiet f'moħħ min kiteb dik l-ittra jew f'moħħ ħaddieħor illi Dottor Cortis kien sejjer ikollu bżonn ta' din il-fakoltà;

L-attur *issottometta li* għandu din il-*fakoltà* mid-*dokument fol.* 91; dana huwa ittra ta' tlieta mill-werrieta ta' Margherita Bosco fejn ighidu lill-attur illi "regarding your report of the Court proceedings............ you are taking". L-attur *minn dawn l-aħħar kliem* "with whatever steps you are taking" jrid jigbed il-konsegwenza li għandu dik il-fakoltà. Dan però mhux eżatt, għaliex dik kienet evidentement ittra illi tlieta mill-mandanti bagħtu lill-attur, avukat tagħhom f'din *il-kawża, u qalulu li huma sodisfatti* b'dak li huwa kien jiegħed jagħmel fl-interess tagħhom, u għalhekk żiedu "so we will be satisfied with whatever steps you are taking"; din l-espressjoni qatt però ma *tista' tfisser* illi huwa, jekk ikun assenti *mill-Isola, kif* difatti ġara, jista' *minflokn* jikkostitwixxi mandatarju ieħor; u dik l-ittra, barra mill-fatt li nkitbet mhux mill-werrieta kollha, iżda minn tlieta biss, inkitbet fit-18 ta' Settembru 1939, *meta* huma ma kienux jaħsbu illi l-attur *mandatarju* tagħhom sejjer jassenta ruħu minn Malta;

Għalhekk ma jidherx illi mill-korrispondenza kien hemm dik il-fakoltà;

Tikkunsidra;

Illi fuq it-tielet kwistjoni, illi ċjoè, skond id-digriet tal-10 ta' Novembru 1941, il-kawża kellha tibqa' "sine die" sakemm l-attur ikollu istruzzjonijiet meħtieġa biex ikun jista' *jirregolarizza l-atti in konformità ma*' l-ordni ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju 1939, illi skond l-art. 982 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kwalunkwe kawża li tkun publikata fil-lista kontemplata fl-artikolu *ta'* qabel tmur deżerta jekk fi żmien xahar *mill-għeluq tat-tliet* xhur hemm *kontemplati ma* jkunx sar dak li jkun hemm bżonn, u ċjoè "(1) if the cause having been suspended in consequence of the death, incapacity or absence of any of the *parties*, or owing to any flaw in the proceedings, *none* of the parties shall have done what was

necessary to bring the cause to a state fit for the commencement or continuation of the hearing thereof"; fil-każ in kwistjoni l-kawża baqgħet "sine die" biex preċiżament l-attur jottempera ruħu mad-digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju 1939, kif intqal fl-istess verbal fol. 97, u allura kien il-każ ta' l-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni illi fi żmien sena l-attur kellu jottempera ruħu ma' dak l-ordni tal-Qorti. Veru huwa li fil-verbal hemm li "Dottor Cortis jitlob li l-kawża tmur 'sine die' sakemm ikollu l-istruzzjonijiet meħtieġa biex ikun jista' jirregolarizza l-atti", iżda dan għandu jinqara kompatibilment mad-dispost ta' dak l-artikolu, illi dan għandu jsir fiż-żmenijiet preskritti mil-liġi f'dak l-artikolu; u jekk dana ma jkunx sar, l-attur jieħu l-passi meħtieġa biex ma jħallix il-kawża tmur deżerta. Effettivament l-attur stess hekk interpreta dak id-differiment "sine die", għaliex wara li l-kawża ġiet fil-lista tal-kawżi sospiżi iżjed minn sena, huwa preċiżament ħa l-passi meħtieġa, permezz ta' Ersilia Cortis, biex jirriappunta l-kawża, iżda, kif intqal iżjed 'il fuq, ma kellux il-fakoltà meħtieġa biex jista' jagħmel dan;

Tikkunsidra;

Illi għalhekk, ladarba r-rikors preżentat minn Ersilia Cortis ġie preżentat minn persuna li ma kienetx il-mandatarja ta' l-appellanti, u għalhekk ġie nullament preżentat, irriappuntament tal-kawża u l-atti sussegwenti kienu kollha nulli in forza ta' l-art. 113 tal-Kodiċi tal-Proċedura, li l-atti ġudizzjarji li jsiru in forza jew bħala konsegwenza ta' att null huma ugwalment nulli, u għalhekk, peress illi r-riappuntament tal-kawża wara r-rikors tad-9 ta' Settembru 1943, kien null u ineffikaċi, il-kawża baqgħet sejra deżerta skond id-dispost tal-liġi fuq imsemmi; u għalkemm saru dawk l-atti sussegwenti, iżda saru meta l-proċess kien diġà fi stat ta' deżerzjoni;

Tikkunsidra;

Illi fuq il-kap ta' l-ispejjeż ta' l-atti li saru wara r-rikors fuq imsemmi tad-9 ta' Settembru 1943, dawn għandhom ikunu moderati, peress illi kien anki dover ta' l-appellati li jġibu 'l quddiem din l-eċċezzjoni immedjatament kif sar dak

ir-rikors, u mhux ihallu dan iż-żmien jgħaddi u huma stess jagħmlu spejjeż għal atti oħra ġudizzjarji;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddikjara illi l-kawża preżenti hija deżerta skond il-liġi, *u għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni mogħtija mill-appellati*; l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni jkunu mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-reġistru kontra l-attur nomine; b'dan illi l-ispejjeż ta' l-atti ġudizzjarji li saru wara l-preżentata tar-rikors tad-9 ta' Settembru 1943, għandhom ikunu sopportati mingħand min għamilhom.